MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' Gunju 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Massimo Bonello**
**(ID: 522073M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Massimo Bonello** talli nhar it-3 ta' Mejju 2013 fil-Qorti ta' Malta, fil-Belt Valletta u f'xi żmien qabel din id-data:

1. Irrenda ruħu kompliċi ta' delitt ta' għoti ta' xhieda falza fi proċeduri kriminali dwar reat, sew kontra, kemm favur il-persuna imputata jew akkużata;

2. Irrenda ruħu kompliċi ta' delitt ta' ħalf falz quddiem Imħallef, Maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti ġurament meta l-ġurament kien meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-Qrati ta' Malta.

3. U aktar talli fi proċeduri kriminali, ikkorrompa xhud u ċioe` Marie Louise Pearson, sabiex tagħti xhieda falza (liema xhieda ngħatat quddiem il-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. nhar it-3 ta' Mejju 2013 fil-Qrati ta' Malta).

Barra minn dan, l-imputat Massimo Bonello huwa akkużat talli rrenda ruħu reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' kundanna, tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni ġenerali.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat;

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat bis-segwenti reati:-

1. Komplicita fi spergur fi proceduri kriminali
2. Komplicita f'gurament falz quddiem magistrat
3. Korruzzjoni ta' xhud fi proceduri kriminali

Illi l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:-

Illi fl-2008 l-imputat kien involut f'incident tat-traffiku fejn huwa kien qieghed isuq xarabank fejn giet imtajra mara, certa Inna Said, li spiccat fil-periklu tal-mewt. L-imputat kien ghadda proceduri kriminali dwar dan il-kaz fejn kien hareg liberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu ghajr ghall-imputazzjoni li ma kellux licenzja tas-sewqan imhallsa u li ghall-istess gie kundannat ihallas multa ta' mija u hamsin ewro (€150).

Sussegwentement irrizulta illi xhud li ttellghet in difesa f'dawk il-proceduri, u cioe` certu Mary Louise Pearson, ma kinitx fil-fatt prezenti ghall-incident. Pero`, nonostante dan xehdet dwar kif sehh l-incident. Jirrizulta wkoll illi l-istess Pearson fiz-zmien li gara l-incident kellha relazzjoni mal-imputat u kellha tifel minnu.

Illi jirrizulta li wara investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija, u wara kwerela da parti ta' Publius Said, ir-ragel ta' Inna Said, il-Pulizija akkuzat lil Mary Louise Pearson bir-reat ta' spergur, liema reat hija ammettiet ghalih u giet ikkundannata sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba (4) snin flimkien ma' interdizzjoni generali kif ukoll interdizzjoni milli sservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun ghal zmien ghaxar (10) snin.

**Ikkunsidrat:**

Illi quddiem din il-Qorti Mary Louise Pearson xehdet illi hija kienet irceviet tahrika biex titla' tixhed fil-kawza kontra l-imputat u ghalhekk fil-gurnata indikata lilha hija attendiet il-Qorti fejn rat lill-imputat li qalilha x'ghandha tghid fix-xhieda taghha, u cioe` b'kemm velocita` kien ghaddej, li ratu jahbat u li rat lin-nies jinzlu u li kien hemm paniku u li wara l-imputat beda jcempel l-ambulanza biex jghin lill-vittma li kienet mal-art u li wara dan hija telqet minn fuq il-post. Ix-xhud spjegat illi hija kienet tibza` mill-imputat ghax kien dejjem jirrikattaha li jirrapurtaha u johdilha t-tfal. Tispjega illi fil-gurnata li kellha taghti x-xhieda taghha l-imputat ma kienx heddidha imma l-harsa tieghu kienet taf xi tfisser, u cioe`, li jekk ma taghmilx dak li ried hu kien se jiddispjaciha.

Illi l-imputat stqarr illi huwa kien involut f'incident tat-traffiku fejn mara qasmet minn mal-genb u baqghat diehla fl-istaff tax-xarabank li kien qed isuq. Huwa ghalhekk spicca akkuzat fejn hareg liberat mill-akkuzi kollha hlief ghall-akkuza li ma kellux il-licenzja tas-sewqan imhallsa. Jispjega li fiz-zmien tal-incident huwa kien f'relazzjoni ma' Mary Louise Pearson. Jghid ukoll illi meta kienet ghaddejja l-kawza kriminali kontra tieghu, Mary Louise Pearson talbitu biex titla' tixhed izda hu qalilha li m'ghandhiex ghalfejn ghax kellu xhieda bizzejjed pero` xorta telghet tixhed wara li huwa informa lill-avukat sabiex jinkludiha fix-xhieda tad-difiza. Jispjega illi sussegwentement ghall-incident Publius Said, ir-ragel ta' Inna Said, kien mar sabu u offrielu xi flus biex jammetti t-tort pero` huwa irrifjuta dan. Mistoqsi x'diskors kien intqal dakinhar li Mary Louise Pearson telghet biex tixhed, l-imputat wiegeb li ma kien qalilha xejn. Jispjega illi kieku veru Pearson kienet tibza' minnu ma kienx ikollha tifel mieghu u ma kienx ikollha relazzjoni mieghu ta' sitt snin u lanqas tmur taghmel vizti l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fejn hu kien residenti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat **b'komplicita fi spergur, komplicita f'gurament falz u ta' spergur.**

Illi dwar l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat ta' spergur (judicial perjury) kontemplat f'l-artikolu 105 issir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti ta' l-Appell fil-**kawza Il-Pulizija vs Ruth Mary Baldacchino**[1] fejn qalet illi l-azzjoni penali ghar-reat ta'l-ispergur a tenur ta'l-artikolu 105 tal-Kodici Kriminali, u cioe', r-reat hekk imsejjah *judicial* jew *legal perjury*, jipotizza t-tehid ta' gurament falz fil-kors ta' kawza pendenti quddiem Qorti. Dana ir-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioe' sa mit-30 ta' Jannar 1854. Illi Giuseppi Falzon fin-noti tieghu 'Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze" (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega: "*Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."* Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta it-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana ir-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' iwassal biss ghal *miscarriage of justice* peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Illi madanakollu il-falsita` oggett tar-reat, trid tkun tirreferi ghal fatt materjali u determinati ghall-ezitu tal-kawza. Il-Mamo ighid: *"In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. ... the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist*." Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino : "*Perche' sussista la falsa testimonianza ... e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliciosamente taciute siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa."* Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l-hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo: *"The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or*

[1] 25 ta' Gunju 2016

*mistake it cannot constitute this crime. ... Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted."* Illi allura dak li ghandu ikun determinanti f'gudizzju dwar ir-reat tal-ispergur huwa b'mod ewlieni jekk dak mistqarr mix-xhud huwiex fatt determinanti u materjali ghall-ezitu tal-kawza u jekk tirrizultax l-intenzjoni kriminuza. Illi ghalhekk in succint, u kif elenkati mill-Mamo, l-elementi rikjesti biex jissussisti r-reat kontemplat fl-artikolu 106 huma s-segwenti:

- *a testimony given in a cause;*
- *on oath lawfully administered by the competent authority;*
- *falsity of such testimony in a material particular;*
- *wilfulness of such falsity or criminal intent.*

Illi issa l-imputat fil-kawza odjerna qieghed jigi akkuzat **b'komplicita` fi spergur**. Illi skond il-Professur Anthony Mamo *"The wilful production of false witnesses or false documents is made punishable as a separate crime (Section 101)*[2]*"* Illi d-difensur tar-rikorrent fit-trattazzjoni orali tieghu sahaq illi ma jista' qatt ikun hemm komplicita` fi spergur ghax l-ispergur tikkommettih il-persuna li tiehu l-gurament u tixhed il-falz u mhux min seta' qalilha x'ghandha tghid, li bl-ebda mod ma jista' jigi kkunsidrat komplici. Illi l-Qorti hija tal-istess hsieb. Illi dan huwa rassodat b'dak rilevat mill-Professur Anthony Mamo meta jitkellem dwar ir-reat ta' korruzzjoni ta' xhud fejn jghid "*It has not been considered by our legislator as comprised in the general class of cases of "concurses delinquentuium", that is, in other words, as a form of a criminal participation, as an accomplice or co-principal, in the crime of false testimony, false reference or false interpretation; but has been created as a distinct substantive offence. It is, nevertheless, intimately connected with those crimes and, like them, it constitutes an offence against the administration of justice."* Illi ghalhekk il-legislatur hass li ma kellux jirrendi komplici lil min jinduci lil haddiehor sabiex iwettaq spergur imma holoq r-reat oppiztu ta' korruzzjoni ta' xhud b'piena applikabbli ghal mieghu.

Illi l-Qorti hi tal-istess fehma anke fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u cioe` l-komplicita` tal-imputat fid-delitt ta' half falz u ghalhekk sejra tillibera lill-imputat kemm mill-ewwel u kif ukoll mit-tieni imputazzjoni.

[2] Illum artikolu 102 tal-Kodici Kriminali

Illi ghalhekk jibqa' biss li tigi analizzata t-tielet imputazzjoni fejn l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' **korruzzjoni ta' xhud.**

Il-Qorti tinnotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil minn jaghti affidament miz-zewg versjonijiet totalment opposti. Iz-zewg protagonisti, u cioe` l-imputat u Mary Louise Pearson, jaghtu verzjonijiet opposti dwar il-fatti mportanti ghal dan il-kaz, u ghalhekk wahda minn dawn ix-xhieda ghandha tigi skartata jew ahjar mhux emmnuta *in toto*, eskluza naturalment il-possibilita' tad-dubbju ragjonevoli li jmur favur l-imputat.

Illi din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita dak li xehdet Mary Louise Pearson u temmen li fil-fatt l-imputat, qabel ma dahlet tixhed, qalilha x'ghandha tghid. Nonostante li l-imputat jichad b'mod kategoriku illi huwa ghamel dan, il-provi migjuba jindikaw il-kuntrarju. L-ewwel u qabel kollox jirrizulta illi kien huwa li indika lid-difensur tieghu l-isem ta' Pearson. Seta' liberament ihalli tali xhud barra ladarba kien jaf li ma kinitx prezenti ghall-incident. Illi l-Qorti ma temminx illi kienet Pearson li insistiet li titla' tixhed b'mod li l-imputat ceda ghal tali insistenza. Ghaldaqstant il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova t-tielet imputazzjoni lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. B'dana kollu l-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat ghandu jinsab hati ta' din l-imputazzjoni izda mhux bl-aggravanti ai termini tal-artikolu 102 (c) tal-Kodici Kriminali peress li ma ngabitx prova sufficjenti illi l-imputat ezercita xi tip ta' forza, theddid, biża' jew bit-tweghid, offerta jew għoti ta' xi vantaġġ mhux dovut lil Mary Louise Pearson.

Illi lill-imputat giet addebitata wkoll l-imputazzjoni tar-recidiva. Illi, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut: "*Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ....*" U fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** moghtija mill-istess Qorti fl-24 ta' Frar 2003, intqal: *"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta'*

*xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."* Fil-kaz in ezami ma saret l-ebda prova dwar ir-recidiva. Il-fedina penali ma tikkostitwixxix la l-ahjar prova u lanqas prova alternattiva. Konsegwentement l-akkuza dwar ir-recidiva ma tirrizultax.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tqis li l-Proskuzzjoni ippruvat biss it-tielet imputazzjoni sal-grad li trid il-ligi. Illi r-reat ta' korruzzjoni ta' xhud f'dan il-kaz jattira mieghu piena minn disa' (9) xhur sa sentejn (2) prigunerija. Illi r-reat li wettaq l-imputat huwa abbuz serju tas-sistema guridika bl-intenzjoni cara li jqarraq bil-Qorti u jistultifika r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, liema reat jimmina serjament l-amministrazzjoni tal-gustizzja u ghalhekk irid jigi trattat konformement u mhux b'mod legger. Illi in vista tal-fedina penali tal-imputat, il-Qorti ma tistghax titratta mal-imputat b'mod iehor ghajr b'sentenza ta' prigunerija effettiva.

**DECIDE**

**Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikolu 102 (a) tal-Kodici Kriminali, qieghdha tiddikjara lill-imputat Massimo Bonello hati tat-tielet imputazzjoni u tikkundannah ghal ghaxar (10) xhur prigunerija filwaqt li tiddikjarah mhux hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u minnhom tilliberah.**

**In oltre l-Qorti wara li rat artikolu 109 tal-Kodici Kriminali qieghdha tapplika l-piena ta' interdizzjoni ġenerali kontra Massimo Bonello, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-qrati tal-ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun ghal zmien ghaxar (10) snin mil-lum.**

___________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

___________________

Diane Gatt
Deputat Registratur